



2020/2007(INI)

7.12.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-impatti tar-regoli tal-UE fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema u tas-servizzi: il-mobilità tal-forza tax-xogħol intra-UE bħala għodda għat-tqabbil tal-ħtiġijiet u l-ħiliet tas-suq tax-xogħol (2020/2007(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ruža Tomašić

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni tal-2018 dwar il-Mobilità tal-Forza tax-Xogħol Intra-UE,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-haddiema¹,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/54/UE dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema (COM(2018)0789),
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 6/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Moviment Liberu tal-Ħaddiema – il-libertà fundamentali hija żgurata iżda orjentament aħjar tal-fondi tal-UE jkun ta' għajnuna għall-mobbiltà tal-ħaddiema",
- wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-11 ta' Lulju 2019 tar-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol², u d-dħul fis-seħħ ta' dak ir-regolament fil-31 ta' Lulju 2019,
- wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "The EU farming employment: current challenges and future prospects" (L-impjieg fis-settur agrikolu tal-UE: sfidi attwali u prospetti futuri), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu f'Ottubru 2019³,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor skont il-Linji Gwida għall-miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali (C(2020)1897),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-protezzjoni Ewropea tal-ħaddiema transfruntieri u staġunali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19⁴,

¹ ĠU L 128, 30.4.2014, p. 8.

² ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21.

³ Studju – "The EU farming employment: current challenges and future prospects" (L-impjieg fis-settur agrikolu tal-UE: sfidi attwali u prospetti futuri), il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, id-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, Ottubru 2019.

⁴ Testi adottati, P9_TA(2020)0176.

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Linji Gwida rigward l-eżerċitar tal-moviment liberu tal-ħaddiema matul it-tifqigħa tal-COVID-19" (C(2020)2051),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Linji Gwida dwar il-ħaddiema staġjonali fl-UE fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19" (C (2020)4813),
- A. billi l-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema huwa stabbilit fl-Artikolu 45 tat-TFUE;
 - B. billi l-mobilità tal-forza tax-xogħol ma għandhiex tkun biss libera iżda wkoll ġusta; billi l-prinċipju ta' trattament ugwali huwa minqux fl-Artikolu 45(2) tat-TFUE, u jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza bejn il-ħaddiema tal-Istati Membri dwar l-impjieg, il-paga u l-kondizzjonijiet l-oħra tax-xogħol u tal-impjieg; billi dan il-prinċipju japplika b'mod ugwali għall-ħaddiema transfruntiera kif ukoll staġjonali, li jridu jiġu ggarantiti trattament ugwali bħall-ħaddiema li huma ċittadini tal-Istat Membru ospitanti tagħhom f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE, kemm jekk ikunu drittijiet ugwali, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali jew protezzjoni ugwali;
 - C. billi l-Artikolu 153(5) tat-TFUE jagħmilha ċara li l-iffissar tal-pagi minimi huwa kompetenza nazzjonali u jipprojbixxi lill-UE milli tintervjeni direttament fil-livell tal-paga;
 - D. billi, skont l-istatistika tal-Eurostat dwar il-popolazzjoni, fl-2017 kien hemm 17-il miljun persuna mill-EU-28 li marru jgħixu f'pajjiż ieħor fl-UE, li minnhom 12.4-il miljun kienu tal-età tax-xogħol (persuni impjegati jew li qed ifittxu xogħol);
 - E. billi hemm nuqqas ta' ħaddiema fis-settur agrikolu; billi l-attività agrikola hija s-sinjala ewlenija tan-nisġa ekonomika u soċjali fiż-żoni rurali;
 - F. billi l-ħaddiema staġjonali jitqiesu bħala ħaddiema essenzjali u kienu esposti għal riskji għas-saħħa matul ir-restrizzjonijiet pandemiċi;
 - G. billi huwa stmat li fl-UE kull sena qed jiġu impjegati bejn 800 000 sa miljun ħaddiem staġjonali, l-aktar fis-settur agroalimentari, b'perjodi ta' domanda massima staġjonali li jirrikjedu l-impjieg ta' għadd kbir ta' ħaddiema migranti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u d-domandi tas-settur;
 - H. billi l-COVID-19 enfażizza r-rwol kruċjali tal-ħaddiema staġjonali fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u l-funzjonament bla xkiel tal-katina tal-provvista tal-ikel, u fil-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja fl-industrija tal-ikel u tal-agrikoltura fil-eqel tal-kriżi tas-saħħa pubblika;
 - I. billi r-restrizzjonijiet u t-trażżin nazzjonali fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema introdotti b'reazzjoni għall-COVID-19 għamluha diffiċli għall-ħaddiema staġjonali biex jivvjaġġaw bejn il-fruntieri interni lejn il-pajjiżi ta' destinazzjoni tagħhom, u b'hekk ipparalizzaw parti mis-settur agrikolu;
 - J. billi l-mobilità tal-forza tax-xogħol hija speċifikament koperta mill-Fond Soċjali

Ewropew (FSE) u mill-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), u billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri indikat li "is-similarità tal-objettivi rispettivi [taż-żewġ fondi tal-UE li jappoġġaw il-mobbiltà tal-ħaddiema (l-FSE u l-EASI)] tagħmilha diffiċli li jkun hemm komplementarjetà bejniethom" u li "il-mod ta' kif l-FSE qed jintuża mill-Istati Membri kollha għall-appoġġ tal-mobbiltà tal-ħaddiema mhuwiex magħruf mill-Kummissjoni";

- K. billi l-esportazzjonijiet fis-settur agrikolu jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-UE fl-oqsma tat-tkabbir u tal-impjiegi;
1. Jilqa' l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni ta' Marzu 2018 li tiġi stabbilita Awtorità Ewropea tax-Xogħol biex tiżgura li r-regoli tal-UE dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol jiġu infurzati b'mod ġust, sempliċi u effettiv u biex issir prevenzjoni tal-limitazzjonijiet għal din il-mobbiltà fis-suq intern Ewropew, li xi Stati Membri jimponu permezz ta' ostakli burokratiċi jew miżuri addizzjonali, u b'hekk ixekklu l-aċċess għax-xogħol; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol bħalissa mhijiex mistennija li tkun operattiva għalkollox qabel l-2024;
 2. Jišhaq li l-moviment liberu tal-ħaddiema, u speċjalment tal-ħaddiema staġonali, huwa essenzjali għall-industrija agrikola Ewropea fir-reazzjoni għal-livelli għolja perjodiċi u staġonali fid-domanda għax-xogħol fis-settur agrikolu li l-provvista lokali ma tistax tissodisfa;
 3. Iħeġġeġ lill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol tippromwovi miżuri li jirregolaw, jilliċenzjaw u jimmonitorjaw l-aġenziji ta' reklutaġġ (inklużi dawk ibbażati f'pajjiżi terzi) u tinkoraġġixxi lill-assoċjazzjonijiet tan-negozju agrikolu biex jadottaw mekkaniżmi ta' monitoraġġ u jistabbilixxu standards tax-xogħol diċenti komuni; jinnota li dawn l-istandards tax-xogħol diċenti komuni għandhom jinkludu wkoll il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali mwettaq fl-istess post tax-xogħol;
 4. Jirrikonoxxi li xi kompetenzi għall-istabbiliment ta' standards bħal dawn jibqgħu fil-livell nazzjonali u għalhekk l-UE ma tistax tintervjeni;
 5. Jinnota li diversi Stati Membri, bħad-Danimarka, l-Italja u Spanja, f'dawn l-aħħar snin esperjenzaw żieda sinifikanti fil-proporzjon ta' ħaddiema migranti fl-agrikoltura;
 6. Jenfasizza l-impatt negattiv sproporzjonat tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment introdotti b'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19 fuq id-disponibbiltà ta' ħaddiema staġonali għal xogħol agrikolu ewlieni u tul il-katina tal-provvista tal-ikel kollha kemm hi; jinnota, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' suq intern li jiffunzjona b'mod sħiħ b'linji gwida ċari u interpretazzjoni uniformi fost l-Istati Membri;
 7. Jinnota li l-implimentazzjoni sħiħa u xierqa tad-Direttiva 2014/36/UE dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjeg bħala ħaddiema staġonali għandha tiġi żgurata u mmonitorjata fl-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-istandards minimi;
 8. Iqis li huma meħtieġa b'mod urġenti oqfsa legali aħjar u enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi tax-xogħol, inkluż fir-rigward tad-drittijiet tal-impjeg u l-kopertura tas-sigurtà soċjali u medika, u speċjalment għax-xogħol atipiku u

l-isfruttament ta' ħaddiema li għalih il-ħaddiema transfruntiera u staġonali huma partikolarment vulnerabbli;

9. Jesprimi tħassib dwar ix-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza, u l-kundizzjonijiet soċjali esperjenzati minn ħaddiema migranti u staġonali u jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-konformità tal-monitoraġġ mal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi, il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat u l-monitoraġġ tal-konformità mal-istandards tal-benessri soċjali u tas-sikurezza li jippromwovu l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tal-ħaddiema migranti u staġonali;
10. Jinnota bi tħassib il-kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol u tal-ġhajxien li l-ħaddiema staġonali u transfruntiera huma spiss esposti għalihom u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw it-trattament ugwali, il-protezzjoni soċjali u l-aċċess għall-kura tas-saħħa tagħhom;
11. Jitlob li jkun hemm implimentazzjoni rapida tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u b'mod partikolari tad-Direttiva (UE) 2019/1152 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli, sabiex, fost l-oħrajn, jiġi ggarantit id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ għall-ħaddiema;
12. Jissottolinja li l-ħaddiema vulnerabbli, bħan-nisa u l-migranti, huma friskju partikolari li jkunu soġġetti għal vjolenza fiżika u psikoloġika; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri għall-prevenzjoni, it-trażżin u l-ikkastigar tal-isfruttament u ta' kull forma oħra ta' abbuż;
13. Jinnota li 10 miljun ruħ huma impjegati fis-settur agrikolu Ewropew, minbarra s-sidien tal-art u l-familji tagħhom, u dan jikkostitwixxi proporzjon importanti tal-popolazzjoni rurali;
14. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li ż-żoni rurali jkunu mgħammra bil-faċilitajiet bażiċi ta' servizz pubbliku meħtieġa sabiex jippermettu l-inkorporazzjoni xierqa u permanenti tan-nisa fi kwalunkwe attività ta' xogħol f'dawn it-territorji; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut ix-xogħol li jagħmlu n-nisa fis-settur agrikolu, u b'mod partikolari li jiġi żgurat li l-konjuġi nisa fis-settur agrikolu jkollhom status professjonali xieraq li jippermettilhom ikollhom aċċess għal kopertura tas-sigurtà soċjali, taħriġ, liv tal-maternità u pensjoni;
15. Jirrimarka li l-immirar aħjar tal-fondi tal-UE, bħal dawk fl-ambitu tal-Fond Soċjali Ewropew u l-ġhodod fl-ambitu tal-programm tal-EaSI, ikun ta' appoġġ għall-mobilità tal-forza tax-xogħol, l-inklużjoni u ż-żieda fit-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza, filwaqt li jippermetti użu aħjar tal-informazzjoni disponibbli u jtejjeb il-ġbir u l-użu ta' data dwar ix-xejriet tal-flussi ta' mobilità tal-ħaddiema u l-iżbilanċi fis-suq tax-xogħol; jitlob appoġġ għall-ħarsien tal-ħaddiema esposti għar-riskji fis-settur agroalimentari;
16. Jenfasizza li l-ħaddiema staġonali agrikoli Ewropej spiss ma jkunux jistgħu jipprevedu l-movimenti tagħhom jew il-ġranet li huma jkunu se jqattgħu fi Stat Membru ieħor minn ħafna qabel; jisħaq li għalhekk huma meħtieġa regoli *ad hoc* u kontrolli rapidi biex ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod liberu fl-Unjoni;

17. Jirrikonoxxi l-avvanzi li saru mill-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tal-ħaddiema temporanji fil-farms; jitlob li ssir kampanja biex tingħata informazzjoni preċiża dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema fil-farms; jisħaq li l-Istati Membri jridu jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema fil-farms;
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u r-reviżjoni attwali tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jagħtu riżultati konkreti għall-ħaddiema fil-qasam tal-agrikoltura fl-Ewropa, inklużi l-ħaddiema staġonali, il-migranti u ħaddiema mobbli oħra, billi fil-PAK il-ġdida tiġi inkluża dimensjoni soċjali u l-finanzjament isir soġġett għall-issodisfar tar-rekwiżiti u l-istandards soċjali u tax-xogħol, sabiex jiġu protetti d-drittijiet, il-pagi, is-saħħa u s-sigurtà soċjali tal-ħaddiema kollha, u d-dispożizzjonijiet ambjentali, sabiex jiġu promossi t-trattament ugwali u l-protezzjoni ambjentali;
19. Iqis li l-ħaddiema tal-familja għadhom jirrappreżentaw il-maġġoranza assoluta tal-ħaddiema fis-settur agrikolu fl-Ewropa, u li t-tiġdid ġenerazzjonali insuffiċjenti u x-xejriet demografiċi attwali huma l-isfidi ewlenin li qed jiffaċċja s-settur agrikolu madwar l-UE, li qed jirriżulta, sena wara sena, f'anqas bdiewa fis-settur, u li għalhekk għandha ssir enfasi partikolari fuq il-promozzjoni u l-appoġġ ta' parteċipanti ġodda fis-suq u bdiewa żgħażaġh; jinnota li s-sitwazzjoni marret għall-agħar minħabba n-nuqqas ta' profittabbiltà ta' ħafna azjendi agrikoli, u li dan jagħmel din l-attività mhux attraenti għaż-żgħażaġh; iqis li huwa meħtieġ, għalhekk, li tiġi appoġġjata l-ġenerazzjoni li jmiss ta' bdiewa b'farm tal-familja, inklużi l-bdiewa żgħażaġh li għadhom jidħlu fl-industrija, peress li dan l-appoġġ huwa integrat fil-PAK;
20. Jinnota li l-miżuri tal-PAK orjentati lejn il-bdiewa żgħażaġh jgħinu biex jinżammu l-impjiegi fl-agrikoltura, b'mod partikolari billi jappoġġjaw is-suċċessjoni tal-farms u jiġġeneraw impjiegi lokali kemm fis-setturi tal-biedja kif ukoll fis-setturi upstream u downstream tagħha; jisħaq li trid tkompli tkun għażla ta' karriera attraenti u li tħares 'il quddiem u li tkun rikonoxxuta u mħallsa sew; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-impjiegi fis-settur agrikolu jkunu attraenti għaż-żgħażaġh;
21. Jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li din ix-xejra pożittiva għadha limitata ħafna fl-impatt tagħha minħabba ħafna fatturi ekonomiċi oħra li jinfluwenzaw l-impjiegi fil-biedja, bħall-aċċess għall-kreditu u għall-art, u nuqqas ta' ppjanar tas-suċċessjoni u inċentivi fiskali;
22. Jinnota li hemm każijiet iżolati ta' ksur serju tal-liġi tax-xogħol f'xi farms u jitlob intervent eżemplari biex jiħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema tal-farms;
23. Iqis li n-nuqqas ta' ħaddiema u d-diskrepanza fil-ħiliet huma żewġ problemi ewlenin li qed jiffaċċjaw il-farms fin-Nofsinhar tal-Ewropa; jenfasizza li t-tqabbil tal-ħiliet u l-kwalifiki mal-opportunitajiet ta' xogħol fis-settur agrikolu huwa prekondizzjoni għall-istabbiliment ta' suq tax-xogħol kompetittiv fl-Unjoni Ewropea;
24. Jenfasizza li d-diversifikazzjoni tal-kompiti tisser li hemm domanda dejjem tikber għal persuni kkwalifikati fis-settur agrikolu;
25. Jirrimarka li l-edukazzjoni teknika u għolja fl-agrikoltura għandha rwol ewlieni fit-

tiswir tal-qasam tal-edukazzjoni u r-riċerka fl-UE;

26. Jenfasizza l-importanza li l-professjonisti fl-agrikoltura tal-futur jingħataw aċċess għall-programm ta' mobilità ERASMUS+ sabiex jingħataw l-opportunità li jiksbu għarfien ġdid u jtejbju l-ħiliet tagħhom, filwaqt li jiġi rikonoxxut ukoll ir-rikonoxximent tal-kwalifiki fil-livell tal-UE;
27. Iqis li l-appoġġ immirat għall-assi triplu ta' kooperazzjoni fost is-settur agrikolu, ir-riċerka u l-intraprenditorija jista' jagħti riżultati sinifikanti;
28. Jistieden lill-Istati Membri jgħibu t-taħriġ fis-settur agrikolu konformi mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tas-settur u jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja bħala mod kif jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema;
29. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu garantiti l-katini tal-provvista agroalimentari u s-sigurtà tal-ikel, speċjalment matul il-kriżi attwali tal-COVID-19; jinnota li l-ħaddiema staġonali huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb u bla xkiel tas-setturi agrikoli, b'mod partikolari s-setturi tal-frott, tal-ħaxix u tal-inbid; jirrimarka li l-ħarsien u l-garanzija tad-drittijiet, is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fis-setturi agroalimentari huma fundamentali, speċjalment matul il-kriżi attwali tal-COVID-19;
30. Iqis li l-ħaddiema staġonali jiżvolġu rwol importanti fis-settur agrikolu, u li għalhekk huwa tal-akbar importanza li jitħarsu d-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, li jiġi żgurat l-istess livell ta' protezzjoni li japplika għall-ħaddiema domestiċi, u li jiġi ggarantit li d-drittijiet tas-sigurtà soċjali jiġu pprovduti mill-Istat Membru tal-impjeg tagħhom skont il-prinċipju *lex loci laboris*;
31. Huwa tal-fehma li n-nuqqas sħiħ u li ilu jeżisti ta' paga ġusta, li huwa marbut direttament mal-leġiżlazzjoni tas-suq Ewropew u internazzjonali, huwa waħda mill-kawżi ewlenin tal-problema tat-tiġdid ġenerazzjonali u d-diffikultà fiż-żamma tal-attraenza tal-biedja;
32. Jirrimarka li n-nuqqas ta' ħaddiema jagħmel lill-bdiewa u lill-produtturi tal-ikel tal-UE dejjem aktar dipendenti minn ħaddiema temporanji u staġonali, bi proporzjon kbir tal-forza tax-xogħol agrikola staġonali tal-UE li ġejja l-aktar minn gruppi soċjali ekonomikament vulnerabbli mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;
33. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-COVID-19 aggrava r-riskji fuq il-post tax-xogħol għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema staġonali, li wasslu għal aktar tixrid ta' infezzjoni u t-tfaċċar ta' clusters ta' każijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jagħmlu użu sħiħ mil-linji gwida adottati dan l-aħħar dwar il-ħaddiema staġonali fl-UE fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19 sabiex jiggarantixxu aħjar id-drittijiet, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom;
34. Jirrimarka li l-innovazzjoni teknoloġika, l-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji diġitali huma motivaturi tal-bidla strutturali fil-farms u fis-swieq tax-xogħol agrikolu, u li ħafna azjendi agrikoli madwar l-Ewropa jridu jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn l-użu ta' aktar innovazzjonijiet teknoloġiċi permezz tat-taħriġ, b'mod partikolari t-taħriġ diġitali, għall-professjonisti fis-settur agrikolu; jinnota li l-professjonisti fl-agrikoltura mhumiex ippreparati biżżejjed għall-adozzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi minħabba l-livell

baxx ta' taħriġ agrikolu tal-manigera tal-farms tagħhom, livell li jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, u n-nuqqas ta' politika komprensiva fl-Istati Membri individwali għad-diġitalizzazzjoni u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu; jinsisti li s-servizzi ta' konsulenza għall-farms irid ikollhom rwol importanti fl-għoti ta' informazzjoni teknoloġika u xjentifika lill-bdiewa u fiż-żieda tal-aċċess għall-innovazzjoni;

35. Jinnota li x-xejra attwali lejn settur agrikolu orjentat lejn it-teknoloġija għandha l-potenzjal li tgħolli l-kostijiet lavorattivi, peress li l-biedja se titlob forza tax-xogħol b'livelli oġħla ta' ħiliet;
36. Jenfasizza li se tkun meħtieġa żieda fit-taħriġ, l-edukazzjoni u t-titjib tal-ħiliet mill-ħaddiema kollha fis-settur biex jilqgħu l-isfida ta' aktar innovazzjoni teknoloġika u modernizzazzjoni, u jinnota li din iż-żieda fit-taħriġ għandha tkun ipplanata b'kollaborazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali fis-suq tax-xogħol;
37. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' għoti ta' appoġġ u pariri f'termini ta' sostenibbiltà u diġitalizzazzjoni; iqis li trid tingħata prijorità lill-provvista ta' ħiliet diġitali bażiċi lill-persuni kollha involuti fl-attivitajiet tal-biedja, inkluża informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fid-diġitalizzazzjoni;
38. Jitlob, għalhekk, il-promozzjoni tat-taħriġ diġitali u t-titjib tal-ħiliet, kif ukoll l-appoġġ u l-għoti ta' pariri kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fis-settur agrikolu;
39. Jinnota li t-tranżizzjoni diġitali dinamika mqanqla mill-isfidi tal-2020, jekk tkun sostnuta minn investiment ikkoordinat mis-settur privat u pubbliku, tista' tgħin b'mod sinifikanti biex jitwaqqaf it-tnaqqis fil-popolazzjoni rurali;
40. Iqis li, sabiex jinħolqu impjiegi ta' kwalità, il-farms u l-azjendi tal-bhejjem iridu jkunu profittabbli u ma jbigħux taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni;
41. Iqis li ċerti sistemi ta' appoġġ reġjonali għall-ħaddiema part-time jinċentivaw l-ekonomija li ma tidhirx u l-impjieg informali;
42. Ifakkar li ż-żamma tal-impjiegi fil-biedja u l-profittabbiltà adegwata tal-azjendi agrikoli huma essenzjali biex l-ekonomija rurali jinżammu haġġin u fl-ippjanar tal-użu tal-art, u għalhekk huma ta' importanza sinifikanti peress li ħafna impjiegi oħra f'setturi oħra jirriżultaw minnha, u li dan juri ħtieġa urġenti ta' miżuri lil hinn mir-riforma tal-PAK;
43. Jenfasizza l-potenzjal li l-agrituriżmu għandu fil-ħolqien tal-impjiegi u li għalhekk għandu jiġi promoss;
44. Ifakkar li ż-żamma tal-impjiegi fil-biedja għandha rwol ewlieni fil-preservazzjoni tal-ħajja u tal-ekonomija ta' żoni rurali, muntanjużi u ultraperiferiċi u għalhekk hija ta' importanza sinifikanti;
45. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun aktar faċli għall-ħaddiema staġonali li jiċċaqilqu minn post għall-ieħor, b'mod partikolari fiż-żoni tal-fruntiera, peress li l-farms Ewropej jiddependu minn dawn il-ħaddiema għas-sopravivenza tagħhom, kif uriet il-kriżi tal-COVID-19;

46. Jenfasizza li huwa kruċjali li tiġi miġġielda kwalunkwe kompetizzjoni inġusta fl-UE li tostakola il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku; jenfasizza, f'dan ir-rigward, kemm se jkun importanti r-rwol tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol fil-ġlieda kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra;
47. Jemmen li l-UE ma għandhiex tadotta leġislazzjoni dwar il-pagi minimi tal-UE peress li din hija kompetenza nazzjonali;
48. Jenfasizza li, fil-politika kummerċjali tagħha, l-UE trid tiżgura li ma jkun hemm l-ebda kompetizzjoni inġusta min-naħa tal-pajjiżi li mhumiex fl-UE billi tiggarantixxi li l-prodotti li jidħlu fl-UE jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istandards tax-xogħol tal-UE;
49. Iqis li l-assistenza tal-UE għandha tingħata biss lil benefiċjarji li jikkonformaw mal-istandards soċjali u li ma jrawmux prattiki ta' xogħol illegali, mhux irregolati u/jew mhux iddikjarati, kemm għall-ħaddiema temporanji kif ukoll għall-ħaddiema permanenti;
50. Jinnota b'dispaċir l-infezzjonijiet tal-COVID-19 li seħħew f'impjanti li jagħmlu użu estensiv minn ħaddiema stazzjonati.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	1.12.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 42 - : 1 0 : 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Drağoş Benea, Benoît Biteau, Mara Bizzotto, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Cristian Ghinea, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Chris MacManus, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Juozas Olekas, Pina Picierno, Maxette Pirbakas, Bronis Ropé, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Petros Kokkalis, Ruža Tomašić

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

42	+
ECR	Mazaly AGUILAR, Krzysztof JURGIEL, Ruža TOMAŠIĆ, Veronika VRECIONOVÁ
GUE/NGL	Luke Ming FLANAGAN, Petros KOKKALIS, Chris MACMANUS
ID	Ivan DAVID, Gilles LEBRETON, Maxette PIRBAKAS
PPE	Álvaro AMARO, Daniel BUDA, Salvatore DE MEO, Herbert DORFMANN, Jarosław KALINOWSKI, Norbert LINS, Marlene MORTLER, Anne SANDER, Petri SARVAMAA, Simone SCHMIEDTBAUER, Annie SCHREIJER-PIERIK, Juan Ignacio ZOIDO ÁLVAREZ
Renew	Atidzhe ALIEVA-VELI, Asger CHRISTENSEN, Jérémy DECERLE, Cristian GHINEA, Martin HLAVÁČEK, Elsi KATAINEN, Ulrike MÜLLER
S&D	Clara AGUILERA, Attila ARA-KOVÁCS, Carmen AVRAM, Adrian-Dragoș BENEĂ, Isabel CARVALHAIS, Paolo DE CASTRO, Juozas OLEKAS, Pina PICIERNO
Verts/ALE	Benoît BITEAU, Francisco GUERREIRO, Martin HÄUSLING, Bronis ROPÉ, Sarah WIENER

1	-
NI	Dino GIARRUSSO

2	0
ID	Mara BIZZOTTO, Angelo CIOCCA

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni